



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 95/19

il-Lussemburgu, 11 ta' Lulju 2019

Sentenza fil-Kawża C-502/18
CS et vs České aerolinie a.s.

Titjiriet b'konnessjoni bi tluq minn Stat Membru u b'destinazzjoni lejn Stat terz b'waqfa fi Stat terz ieħor u li jkunu suġġetti għal riżervazzjoni waħda: It-trasportatur bl-ajru li jkun wettaq l-ewwel titjira huwa obligat jikkumpensa lill-passiġġieri li jkunu batew dewmien sinjifikattiv għall-wasla tat-tieni titjira mwettqa minn trasportatur bl-ajru mhux komunitarju

Idax-il passiġġier għamlu riżervazzjoni waħda, mat-trasportatur bl-ajru Ċek České aerolinie, għal titjira bejn Praga (ir-Repubblika Ċeka) u Bangkok (it-Tajlandja) b'waqfa f'Abu Dabi (l-Emirati Għarab Magħquda). L-ewwel parti ta' din it-titjira b'konnessjoni, operata minn České aerolinie bejn Praga u Abu Dabi, twettqet skont il-pjan tat-titjira u waslet Abu Dabi fil-ħin. Għall-kuntrarju, it-tieni parti, operata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondivizzjoni ta' kodiċi, mit-trasportatur bl-ajru mhux komunitarju Etihad Airways minn Abu Dabi sa Bangkok, kellha dewmien ta' 488 minuta (8 siegħat u 8 minuti) fuq il-ħin tal-wasla tagħha. Dan id-dewmien ta' iktar minn tliet siegħat jista' jagħti lok għal kumpens lill-passiġġieri abbażi tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru ¹.

Il-passiġġieri ppreżentaw rikorsi quddiem il-qorti Ċeki kontra České aerolinie bil-għan li jingħataw il-kumpens previst mir-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru. Madankollu, České aerolinie tikkontesta quddiem daww il-qorti l-fondatezza ta' dawn ir-rikorsi billi tinvoka li hija ma tistax tinżamm responsabbli għad-dewmien tat-titjira ta' bejn Abu Dabi u Bangkok fid-dawl tal-fatt li din it-titjira twettqet minn trasportatur bl-ajru ieħor. Adita bil-kawża fl-istadju tal-appell, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk České aerolinie hijiex obligata tħallas kumpens abbażi tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabel xejn, li titjira b'konnessjoni waħda jew iktar li tkun suġġetta għal riżervazzjoni waħda tikkostitwixxi assjem għal-finijiet tad-dritt għal kumpens tal-passiġġieri previst mir-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru ². B'hekk, titjira b'konnessjoni li l-ewwel parti tagħha tkun twettqet bi tluq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, f'dan il-każ Praga, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament anki jekk it-tieni parti ta' din it-titjira b'konnessjoni tkun twettqet minn trasportatur mhux komunitarju bi tluq minn u b'destinazzjoni lejn Stat terz mhux tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk České aerolinie, it-trasportatur bl-ajru li wettaq l-ewwel parti tat-titjira b'konnessjoni, jistax jinżamm responsabbli għall-ħlas tal-kumpens dovut minħabba dewmien twil fil-ħin tal-wasla tat-tieni parti ta' din it-titjira b'konnessjoni li twettqet minn Etihad Airways, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, skont ir-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, l-obbligu ta' ħlas ta' kumpens lill-passiġġieri jiġi impost biss fuq it-trasportatur bl-ajru effettiv tat-titjira kkonċernata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, sabiex trasportatur bl-ajru jkun jista' jiġi kklassifikat bħala trasportatur bl-ajru effettiv, għandu jintwera' li dan it-trasportatur effettivament wettaq it-titjira inkwistjoni. Issa peress li České aerolinie effettivament wettqet titjira fil-kuntest ta'

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew x jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Mejju 2018, Wegener, (C-537/17), ara wkoll CP 77/18.

kuntratt ta' trasport konkluż mal-passiġġieri kkonċernati, hija tista' tiġi kklassifikata bħala trasportur bl-ajru effettiv.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, **České aerolinie** hija, bħala prinċipju, **responsabbli għall-kumpens previst mir-regolament dovut minħabba d-dewmien twil fil-wasla li kienet suġġetta għalih it-titjira b'konnessjoni b'destinazzjoni lejn Bangkok u dan minkejja li dan id-dewmien seħħ fit-titjira ta' bejn Abu Dabi u Bangkok u li huwa attribwibbli lil Etihad Airways**. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod partikolari li, fil-kuntest ta' titjiriet b'konnessjoni waħda jew iktar li tkun suġġetta għal riżervazzjoni waħda, trasportatur bl-ajru effettiv li jkun wettaq l-ewwel parti tat-titjira ma jistax jinħeba' wara l-eżekuzzjoni mhux f'lokha ta' titjira sussegwenti operata minn trasportatur bl-ajru ieħor.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li r-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru jirriżerva favur it-trasportatur bl-ajru effettiv li jkollu jħallas kumpens lil passiġġieri minħabba dewmien twil fit-titjira b'konnessjoni suġġetta għal riżervazzjoni waħda u, parzjalment, imwettqa minn trasportatur ieħor fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, id-dritt li jdur fuq dan tal-aħħar bil-għan li jikseb il-kumpens għal dan il-piż finanzjarju.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106